Il-ktieb huwa kompit billi fih bibljografija fit-tul li sservi bħala gwida għal min irid iżid jissaħħaħ fis-suġġett u inċidentalment hija xhieda tal-istudju u tar-riċerki li għamel l-awtur biex kiteb din l-opra.

G.

**"SAN KARLU MINN SEZZE, O.F.M."** Imniedi Qaddis mill-Q.T. il-Papa Giovanni XXIII nhar it-12 ta' April, 1959.— Royal Press, Gżira. — 1959.

Giena f'idejna dan id-daqsxejn ta' ktejjeb dwar il-ħajja ta' San Karlu minn Sezze, l-aħħar qaddis ġdid li ġie mgħolli għall-qima ta' l-artal u l-ewwel wieħed imniedi mill-Q.T. il-Papa Ġwann XXIII.

Fi ftit kliem l-awtur isemmi episodji saljenti tal-ħajja ta' Karlu minn Sezze mit-twelid tiegħu fit-22 ta' Ottubru, 1613, f'Ruma, sa mewtu, fis-6 ta' Jannar, 1670. Matul dawn is-snin ta' ħajtu l-qaddis tagħna, bis-sabar u bl-ubbidjenza, ġera minn kunvent għall-ieħor u għamilha ta' sagristan, purtinar, kok u ġennien, saħansitra mar jittallab fit-triqat. Wieħed mill-aqwa mirakli kienet id-debra ta' l-infern, debra li tkexkex u trażżan lill-midinbin. Miraklu ieħor kien dak tar-raġġi li ħarġu mill-Ostja Mqaddsa biex ifejqu ġerħa li Karlu kien ilu jbati biha ħafna.

San Karlu minn Sezze kien ukoll kittieb, u bħala dan hu aktar għażiż għall-Membri tal-"Għaqda". Il-kotba tiegħu proża u poeżija "għandhom siwi kbir fil-qasam tal-letteratura mistika".

L-awtur kiteb qasir imma bi stil ċar u ħafif kif jeħtieġ biex jippopolarizza d-devozzjoni lejn dan il-Qaddis ġdid.

G.

**SOCIETA' FILARMONICA NAZIONALE "LA VALETTE".** Ġrajja Dokumentata ta' Rob. Mifsud Bonnici. Giov. Muscat, Malta. — 1959. Paġ. 48.

Is-Sur Robert Mifsud Bonnici hu l-awtorità fuq l-istorja tal-mużika f'Malta u fuq i-ġrajja tal-Baned Mużikali. Dan l-aħħar xogħol tiegħu jittratta fuq il-Banda ċittadina li dejjem għamlet ġieħ lil pajjiżna f'Malta u barra minn Malta wkoll.

Il-ktieb fih storja dettaljata, illustrata u dokumentata tal-Banda mit-twaqqif tagħha fl-ewwel tas-sena ta' l-1875 mis-Sur Pawl Darmanin u xi erba' diettanti tal-mużika, u matul il-ħajja tagħha sal-lum. Hemm deskrizzjonijiet ta' l-aqwa episodji fil-ġrajja tal-Banda u jissemmew ċirkostanzi li kellhom sehem fl-isvilupp artistiku jew soċjali tal-Banda, bħalma huma kunċerti taħt id-direzzjoni ta' surmastrijiet famużi, sehem f'festi nazzjonali, ġiti barra minn Malta u parteċipazzjoni f'konkorsi internazzjonali.

Il-ktieb fih ukoll tagħrif dwar Presidenti tas-Soċjetà Mużikali u noti bijografiċi tas-Surmastrijiet li jixtħu dawl fuq il-karriera tagħhom. Għoġobna l-mod kif inhu mqassam u sistemat dan il-ktieb u ħadna pjaċir naraw li l-awtur segwa l-manjiera ta' l-awturi moderni, jiġifieri li jikkwota dokumenti għal dak li jikteb. Hemm lista' ta' noti dokumentarji, iżda l-awtur xi minn daqqiet donnu jinsa jew igħaddi fuq fuq biss, ħwejjeġ importanti, bħalma huma: il-post fejn kien sewwa l-"branch" li s-Soċjetà "La Valette" kellha f'tas-Sliema għas-sajf (paġna 10); xi fatti politiċi li ġraw fil-każin ma ssemmew xejn, hekk ukoll ftit issemma l-effett li l-gwerra kellha fuq il-każin u s-soċjetà.

Madankollu l-awtur ħaqqu tifħir u inkoraġġiment għal din il-biċċa xogħol li żżid torqom u tirfed it-tempju ta' l-arti mużikali f'pajjiżna.

G.

# KONTRIBUZZJONIJIET

Lista' ta' Kontribuzzjonijiet mill-Membri Akkademiċi għall-Fond tal-Kera u Bżonnijiet oħra tad-Dar tal-Għaqda.

*(Tkompli mal-Lista ippubblikata fuq il-kopertina ta' wara f' "IL-MALTI", Ġunju, 1956).*

## Kontribuzzjonijiet għas-Sena 1957

| | |
|---|---|
| | £1. 0. 0. |
| Prof. Ġ. Galea | 1. 0. 0. |
| Prof. Kan. Mons. E. Coleiro | 1. 0. 0. |
| Ivo Muscat Azzopardi, P.L. | 15. 0. |
| Rev. Karm. Farrugia | 1. 0. 0. |
| Franġisku Saver Caruana | 1. 10. 0. |
| Rob. Mifsud Bonnici | 1. 0. 0. |
| Rev. Frans Camilleri | 1. 0. 0. |
| Prof. Mgr. P.P. Saydon | 1. 0. 0. |
| Patri Piju Rapa, O.P. | 1. 0. 0. |
| A. Cremona | |

Barra minn dawn irċevejna wkoll minn għand is-Segretarju ta' Laqgħa Letterarja l-bilanċ ta' dħul mit-trasmissjonijiet li saru mir-Rediffusion tal-poeżiji u proża li kienu nqraw f'dik il-Laqgħa Letterarja u li kien propost imur favur il-Fond wara li jitħallsu l-spejjeż.

Bilanċ £3. 11. 0.

## Kontribuzzjonijiet għas-Sena 1958

| | |
|---|---|
| | £1. 0. 0. |
| Mario Agius | 1. 0. 0. |
| Prof. Kan. Mons. E. Coleiro | 1. 0. 0. |
| Rev. Karm. Farrugia | 1. 0. 0. |
| Sinjura Giuseppina Attard Montalto | 1. 0. 0. |
| Rev. Danjel Glavina S.J. | 1. 0. 0. |
| Ġużè Chetcuti | 1. 10. 0. |
| Rev. Piju Rapa, O.P. | 1. 0. 0. |
| Franġisku Saver Caruana | 1. 0. 0. |
| A. Cremona | 1. 0. 0. |
| Prof. Ġ. Galea | 1. 0. 0. |
| Dr. Rużar Briffa | 1. 0. 0. |
| Ġ. Porsella Flores | 1. 0. 0. |
| Rev. Karm. Sant | 1. 0. 0. |
| Rob. Mifsud Bonnici | 1. 0. 0. |

## Kontribuzzjonijiet għas-Sena 1959

| | |
|---|---|
| Rob. Mifsud Bonnici | £1. 0. 0. |
| Ivo Muscat Azzopardi | 1. 0. 0. |
| Dr. Wallace Ph. Gulia | 1. 0. 0. |
| Rev. P. N.N. | 1. 0. 0. |
| Franġisku Saver Caruana | 1. 0. 0. |
| Rev. Ġ. Delia, S.J. | 1. 0. 0. |
| Reginald Vella Tomlin | 1. 0. 0. |
| Prof. Ġ. Galea | 10. 0. |
| A. Cremona | 1. 0. 0. |
| Rev. Frans. Camilleri | 1. 0. 0. |
| Prof. Kan. Mons. E. Coleiro | 1. 0. 0. |